**Int ma terġax lura**

La qtajtha issa darb'għal dejjem
Naf li minn kelmtek int ma terġax,
Kif għadda ż-żmien bil-ġirja tiegħu
Lanqas kieku irrid ma nistax.

B'dil-ħarba tal-għaġeb int tbegħidt
Mill-kamp tal-battalja tal-ħajja,
Mhux għax ċedejt l-armi imbażża'
Nkella twewirt minn ħafna tlajja'.

Daret il-paġna bħalma iddur
Tiegħek u tiegħi li għadna hawn,
Qbaddt it-triq li ma tieħdokx lura
Ma nsejħilhomx ħmerijiet jien dawn.

Ħa nifhmuha waħda u sewwa
Ħajjitna tgħaddi bħall-buffura,
Ngħozzu l-issa bil-bosta prezzjuż
Għax la jgħib ma iġġibu qatt lura.

Patri Mario Attard OFM Cap
23 t'April 2022

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.